Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 15/2020: V.J. SALAMONE LIMITED (C-712) V. ROBERT VELLA (KI. 115271M)

(KUNTRATT TA' TRANSAZZJONI – KAP. 16, ART. 1718 ET. SEQ.)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**23 ta' Novembru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' V.J. Salamone Limited ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") intavolat fid-29 ta' Jannar 2020,

wara li rat l-ordni *in camera* ta' din il-Qorti tat-3 ta' Frar 2020 maħruġ skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha *inter alia* ordnat lil Robert Vella ("l-intimat") sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika[1],

wara li rat l-ordni *in camera* ta' din il-Qorti tat-30 ta' Marzu 2020 maħruġ skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha wara li l-intimat debitament notifikat naqas milli jwieġeb, *inter alia* appuntat il-kawża għall-ewwel dehra għat-13 ta' Lulju 2020[2],

wara li rat illi fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2020 il-Qorti ġiet infurmata mill-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey (li qed jippatroċinja lir-rikorrenti) illi l-partijiet kienu waslu fi ftehim li

---

[1] Fol 12
[2] Fol 14

permezz tiegħu l-partijiet fost affarijiet oħra qablu illi l-Qorti tista' tgħaddi għas-sentenza abbażi tal-ftehim milħuq,

wara li rat il-ftehim ta' transazzjoni datat 10 ta' Ġunju 2020 li ġie ppreżentat permezz ta' nota fis-26 ta' Ottubru 2020,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' tlettax il-elef, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€13,773.56) jew somma oħra verjuri, rappreżentanti nofs is-salarju illi l-intimat kien jipperċepixxi Ii kieku baqa' fl-impjieg mar-rikorrenti bis-saħħa ta' kuntratt definit datat 23 ta' Lulju 2018 li kellu validita' ta' sentejn bejn l-1 ta' Settembru 2018 u il-31 t'Awwissu 2020, liema kuntratt skond ir-rikorrenti ġie tterminat mingħajr raġuni xierqa fit-22 ta' April 2019. Ir-rikorrenti talbet ukoll l-imgħax legali mid-data ta' ittra uffiċjali ppreżentata kontra l-intimat fit-2 ta' Diċembru 2019 u l-ispejjeż kollha inkluż tal-istess ittra u ta' mandat kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mar-rikors.

### Transazzjoni milħuqa fil-mori ta' kawża

2. Fir-rigward ta' transazzjoni milħuqa fil-mori ta' kawża il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet fis-sentenza fl-ismijiet: **Reverendu George Schembri v. Igor Moscalenko** (Cit. Nru. 130/1995/1 PS, 9 ta' Ġunju 2004) illi:

   *"Huwa pacifiku illi "perche un contratto possa qualificarsi di transazione, e` necessario che le parti col medesimo abbiano posto fine ad una lite incominciata, o prevenuto una lite che fosse per nascere" (Kollaz. Vol. X pagna 337). Dan jirrientra fid-definizzjoni li l-ligi stess taghti lill-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili;*

   *Kif, imbaghad, insenjat "it-transazzjoni ghandha zewg elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-ohra; l-ewwel wiehed hu d-dubju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess minflok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattici jsejhu l-"hinc inde remissum", cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku." (Kollez. Vol. XLIII P I p 418);*

   *Dan premess, gjaladarba wkoll it-transazzjoni de quo tirrivesti l-formalita` tal-kitba rikjesta mill-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili, it-transazzjoni hekk milhuqa bejn il-*

*kontendenti f' dan il-kaz ghar-rigward tal-kontroversja ta' bejniethom "ghandha l-effett ta' sentenza li tghaddi f' gudikat u ghalhekk it-transazzjoni hi parifikata ghal sentenza" (Kollaz. Vol. XXXIV P III p 900). Mhux il-kaz ghalhekk li din l-istess transazzjoni tigi disturbata"*

3. L-awtur Taljan Alberto Trabucchi fil-ktieb tiegħu "*Istituzioni di diritto civile*" jgħid is-segwenti fuq dan is-suġġett:

   *"I soggetti interessati in una controversia giuridica, attuale o potenziale, possono risolverla indipendentemente dal ricorso all'autorità giudiziaria che costituisce la via ordinaria per la composizione delle liti. Un mezzo per la composizione extragiudiziale è l'arbitrato. La lite si risolve anche con un riconoscimento, cioè con l'accettazione che l'una parte fa della pretesa della controparte. La transazione infine è il contratto con il quale le parti pongono fine a una lite già cominciata o prevengono una lite che sta per sorgere tra loro, facendosi reciproche concessioni (art. 1965).*

   *Con la transazione, le parti non sempre operano soltanto sulle rispettive pretese del rapporto in contesa (transazione non novativa), ma talora costituiscono nuovi rapporti (transazione novativa), oppure modificano o estinguono altri rapporti preesistenti (transazione mista). Essenziale alla transazione è una incertezza subiettiva che si vuole eliminare. Questa incertezza è data anche dal solo fatto dell'esistenza di un conflitto attuale o potenziale tra le parti. La transazione può avere come oggetto diritti patrimoniali di qualsiasi natura, e si transige efficacemente anche sulle conseguenze pecuniarie dello stato delle persone o sulle azioni civili nascenti da reato. Deve trattarsi però di diritti disponibili. Quando la situazione di cui si discute è sottratta alla disponibilità delle parti, occorre l'intervento del giudice (es. questioni in materia matrimoniale o in tema di demanio). La transazione può essere provata con testimoni e richiede la prova scritta; produce tra le parti lo stesso effetto di una sentenza passata in giudicato."*

4. F'din il-kawża, fis-26 ta' Ottubru 2020 il-kumpanija rikorrenti ippreżentat kopja ta' ftehim ta' transazzjoni datat 10 ta' Ġunju 2020. Għalhekk f'dan l-istadju il-Qorti hija limitata biss għall-funzjoni li tagħti fidi u eżekuzzjoni lit-transazzjoni milħuqa bejn il-kontendenti. F' din l-iskrittura, il-partijiet irrisolvew il-mertu billi intlaħaq qbil bejniethom illi *inter alia* l-intimat iħallas lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta' ħamest elef euro in sodisfazzjon tal-pretensjonijiet ta' din ta' l-aħħar u dan versu l-pagament ta' ħames mitt euro (€500) li sar mal-iffirmar tal-iskrittura u l-ħlas tal-

bilanċ f'pagamenti mensili ta' mitejn u ħamsin euro (€250) mingħajr imgħax. Rigward spejjeż ta' din il-kawża il-partijiet qablu ukoll illi kulħadd ibati tiegħu.

**Deċiżjoni**

5. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi bl-affermazzjoni ta' l-istess skrittura ta' ftehim, tordna li l-intimat iħallas is-somma ta' ħamest elef euro lill-kumpanija rikorrenti a saldu tal-pretensjonijiet ta' din tal-aħħar kif dedotti f'din il-kawża, bir-rati miftehma, minn liema somma għandhom jitnaqqsu kwalunkwe ammonti diġà mħallsa di segwitu għall-istess ftehim u mingħajr imgħax salv dak miftiehem. Fir-rigward ta' spejjeż kull parti tbati tagħha.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur